# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D**

**Appell Numru: 343/2014**

Il-Pulizija

(Spettur Michael Mallia)

vs

**Publius Zammit**

**Ommissis**

iben Paul, imwieled Pieta', fil-25 ta' Frar, 1968, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 114468(M)

Illum 26 ta' Gunju 2019

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Publius Zammit quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) akkuzat talli:

> Fil-lejl ta` bejn it-13 u l-14 ta` Marzu 2004 flimkien ma' omissis, waqt li kienu fl-ibhra territorjali ta` dawn il-gzejjer, fl-inhawi maghrufa bhala x-Xatt l-Ahmar, bil-hsieb li jaghmlu delitt, u cioe' li minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jqieghdu l-hajja ta` Lt. J. Grixti, LBdr. 86297 C. Brimmer u Gnr. 86644 M. Chetcuti, lkoll membri tal-Forzi Armati ta` Malta, f'periklu car, ikkagunawlhom offizi ta` natura gravi u permanenti, urew dan il-hsieb b'atti esterni, u taw bidu ghall-esekuzzjoni ta` dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit, minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta taghhom;

Kif ukoll fl-istess data u cirkostanzi attakkaw, jew ghamlu rezistenza bi vjolenza pubblika jew b'hebb, ta` xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz publiku, u cioe` l-istess membri tal-Forzi Armati ta` Malta, filwaqt li kienu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta` ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita` kompetenti;

Gew akkuzati wkoll talli fil-lejl ta` bejn it-13 u l-14 ta` Marzu 2004, f'dawn il-Gzejjer assocjaw ruhhom ma` xi persuna jew persuni f'Malta jew barra minn Malta bil-ghan li jaghmlu delitt f'Malta li ghalih hemm il-piena ta` prigunerija, u li ma kienx delitt taht l-Att dwar l-Istampa;

Fuq talba tal-Kontrollur tad-Dwana u tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, akkuzati wkoll talli fil-lejl ta` bejn it-13 u l-14 ta` Marzu 2004, xjentement naqsu li jiddikjaraw lill-Ufficjali tad-Dwana kwantita` ta` ghasafar u fkieren, liema mportazzjoni taghhom hija projbita u/jew ristretta;

Dawn ghandhom il-valur ta` LM 13,566.00,0 dazju xejn, u li fuqhom kellha tithallas Taxxa Fuq Valur Mizjud, liema taxxa tammonta ghall-LM 2441.88,0 liema taxxa ma gietx imhallsa u/jew kawtelata;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi mportaw ghasafar, hajjin jew mejtin, jew partijiet minnhom, u naqsu li jipprovaw li dawn gew imrobbija fil-maghluq fil-pajjiz minn fejn ikunu originaw jew li ma humiex protetti fil-pajjiz ta` l-origini taghhom, jew li l-esportazzjoni taghhom mill-pajjiz minn fejn gew esportati kienet wahda awtorizzata;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ftiehmu jew ipprovaw, jew ghinu, hajru, taw parir jew qabbdu lil xi persuna ohra biex tikser id-dispozizzjonijiet tar-Regolamenti ta` l-1993 dwar il-Harsien ta` l-Ghasafar u l-Fenek Selvagg jew biex naqsu milli jikkonformaw ma` xi wiehed minn dawn id-dispozizzjonijiet (inkluzi xi ordni legittimament moghtija bis-sahha ta` xi dispozizzjoni ta` dawn ir-regolamenti) jew biex jiksru xi restrizzjoni, projbizzjoni jew htiega imposta minn dawn ir-regolamenti jew bis-sahha taghhom,

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi importaw, esportaw jew ri-esportaw xi ezemplari mhux skond kif titlob il-Konvenzjoni dwar il-Kummerc fi Speci Mhedda ta` Fawna u Flora Selvagga (Washington 1973);

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi importaw xi ezemplari minghajr ma applikaw ma` Awtorita` Amministrattiva bil-miktub fuq formola ghal hekk imhejjija mill-istess Awtorita` u naqsu li jipproducu dawk

il-permessi jew certifikati li jistghu jinhtiegu mill-Konvenzjoni dwar il-Kummerc fi Speci Mhedda ta` Fawna u Flora Selvagga (Washington 1973);

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ma kellhomx formoli, permessi u certifikati skonf kif titlob il-Konvenzjoni;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bhala l-persuni li kellhom fil-pussess taghhom xi ezemplari li l-importazzjoni taghhom taqa` taht dawn ir-regolamenti, naqqsu li jzommu fil-pussess taghhom u ghaz-zmien kollu li dawk l-ezemplari kienu fil-pussess taghhom, kull permess, certifikat u licenzja li jkollhom x'jaqsmu ma` l-importazzjoni ta` dawk l-ezemplari.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta` htija, barra l-piena stabbilita skond il-ligi, tordna l-konfiska ta` l-oggetti kollha esebiti kif ukoll li tordna l-iskwalifika tal-licenzji kollha taht ir-Regolamenti ta` l-1992 dwar il-Kummerc fi Speci ta` Fawna u Flora ghal mhux anqas minn sena;

Il-Qorti giet mitluba li meta jinstab htija, terz tal-piena ta` flus jitqies bhala dejn Civili u ghandu jigi dikjarat mill-Onorabbli Qorti fl-ghoti tas-sentenza li hu dovut u li ghandu jithallas lill-Gvern u ghandu jigi esegwit fl-istess Qorti bl-istess mod bhallikieku nghata f'azzjoni civili maghmula bejn il-Gvern u l-hati u dan ghat-terminu tal-Proviso ta` l-Artikolu 62 (Kap 37);

Kif ukoll sabiex il-Qorti tohrog dawk l-ordnijiet skond dak li tipprovdi l-Konvenzjoni dwar iz-zamma, ri-esportazzjoni jew soppressjoni ta` l-ezemplari kemm waqt li jkunu ghadhom ghaddejin il-proceduri kif ukoll meta tinghata s-sentenza u hija wkoll gentilment mitluba li tordna li l-ispejjez ghaz-zamma, ri-esportazzjoni jew sopressjoni jkunu ghal karigu ta` dik il-persuna jew persuni li jinstabu hatja taht dawn ir-regolamenti, kif ukoll li tordna l-iskwalifika mill-ksib ta` licenzja taht l-Att biex ihares l-ambjent u dan ai termini tar-regolamenti 9 (5) u 9 (6) ta` l-AL 19/1992;

Finalment gew akkuzati wkoll talli saru recedivi ai termini tal-artikolu 49, 50 u 289, tal-kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta, meta gew misjuba hatja b'sentenzi moghtija mill-Qrati ta` Malta, liema sentenzi saru definittivi u li ma jistghux jigu mibdula jew imhassra;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-5 ta' Awwissu, 2014 fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 41(1)(a), 48A(1), 49, 50, 96(a), 98, 214, 218, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9, l-Artikoli 60 (a)(b)(c)(k), 62 (a)(b)(c)(f)(g)(h)(i)(k), 68 (1), 69 (1)(2) ta' l-Ordinanza tad-Dwana, Kapitolu 37, l-Artikolu 80 ta' l-Att dwar Taxxa fuq Valur Mizjud (Att Nru. XXIII-

1998), Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta, Reg. 12 (3) u 25 tal-A.L. 146/1993, u Reg. 6 (1)(2), 8, 9(5) (6) tal-A.L. 19/1992 sabet lill-imputat PUBLIUS ZAMMIT hati tas-segwenti talli bejn il-lejl tat-13 u 14 ta' Marzu 2004:-

1. Ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-pulizija jew ta' awtorita inkarigata minn sevizz pubbliku u fixkilhom fil-qadi ta' dmirijiethom,
2. Xjentement naqas milli jiddikjara lill-Ufficcjali tad-Dwana kwantita ta' ghasafar u fkieren,
3. Importa ghasafar hajjin jew parti minnhom mejtin u naqas li jipprova li dawn gew imrobbija fil-maghluq fil-pajjiz minn fejn originaw jew li ma humiex protetti fil-pajjiz tal-origini taghhom jew l-esportazzjoni taghhom kienet wahda legittima u awtorizzata,
4. Talli mporta xi ezemplari mhux skond il-konvenzjoni dwar il-kummerc fi speci mhedda ta' fawna u flora selvagga,
5. Talli mporta ezemplari minghajr ma applika ma' Awtorita Amministrattiva bil-miktub fuq formula ghalhekk imhejjija mill-istess Awtorita u naqas li jipproduci l-permess mehtieg mill-Konvenzjoni dwar il-Kummerc fi Speci Mhedda ta' Fawna u Flora Selvagga,
6. Ma kellux formoli permessi u certifikati skond kif titlob il-ligi tal-konvenzjoni

U kkundannatu in vista tar-recidiva tieghu u tal-fedina penali refrattarja tieghu ghal piena karcerarja ta' sentejn u nofs komplessivament u lliberatu mill-akkuzi l-ohra.

Dwar it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tikkundanna lill-imputat ihallas multa l-Qorti rrilevat li skont il-proviso (c) tal-Artiklu 62 tal-Kap 37 tal-Ligijiet ta' Malta tali talba m'ghandhiex tintlaqa' u dan anke in linea ma dak li gie deciz fis-sentenza il-Pulizija vs Francis Camilleri et deciza fl-4 ta' Mejju 2007 mill-Qorti tal-Appelli Kriminali.

Il-Qorti ddikjarat li mhix ser tordna konfiska tal-ghasafar u tal-fkieren stante li l-Qorti b'digriet taghha tas-17 ta' Mejju 2005 (fol. 85) kienet ordnat ir-rilaxx tal-ghasafar li kienu hajjin u ordnat id-distuzzjoni ta' dawk li kienu mejtin u ghalhekk illum m'hemmx tjur jew fkieren x'jigu konfiskati.

Rigward it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex din il-Qorti tordna l-konfiska tad-dghajsa *Little Child* esebita f'dawn l-atti a favur tal-Gvern ta' Malta, il-Qorti ghamlet referenza ghax-xhieda moghtija minn Dr. Gordon Cutajar li xehed ghan-nom u in rappresentanza tal-Malta Maritime Authority nhar is-26 ta' Ottubru 2005 fejn ikkonferma li d-dghajsa ghandha net tonnage ta' 3.6 tones

u ghalhekk ai termini tal-Artikolu 68 (1) tal-Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta' Malta tali dghajsa l-Qorti tordna l-konfiska taghha peress illi n-net tonnage taghha huwa inqas minn mitejn u hamsin tunnellata u ghalhekk huwa konfiskabbli ai termini ta' dan l-artikolu.

Ordnat l-iskwalifa tal-licenzji kollha taht ir-regolamenti tal-1992 dwar il-kummerc fi Speci ta' Fawna u Flora ghal perjodu ta' hames snin mil-lum ai termini tal-Artikolu 30 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Laqghet ukoll it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tikkundanna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez involuti fil-hatra tal-esperti nominati fl-atti tal-inkjesta li saret in konnssjoni mar-reati addebitati fil-konfront tal-imputat li taghhom instab hati.

Il-Qorti ordnat li kopja ta' din is-sentenza tkun notifikata lid-Direttur tal-Qorti u Tribunali Kriminali sabiex jigbor l-ispejjez dwar il-hatra ta' esperti.

Rat ir-rikors tal-appellant Publius Zammit tat-13 ta' Awwissu, 2014 fejn talab lil din il-Qorti joghgobha tvarja s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-ismijiet Pulizija (Spettur Michael Mallia) vs Publius Zammit et fis-sens li tikkonfermaha in kwantu din sabet lill-appellant mhux hati ta' l-ewwel akkuza (1), it-tieni akkuza (2), it-tielet (3) akkuza, is-sitt (6) akkuza, u l-ghaxar (10) akkuza, u in kwantu ma laqghetx it-talba biex ihallas il-multa skond il-Kap 37 tal-Ligijiet ta' Malta; imma tirrevokaha in kwantu din sabitu hati taht Artikolu 338(ee) tal-Kodici Kriminali u hati tar-raba' akkuza, l-hames akkuza, s-seba' akkuza, it-tmin akkuza, id-disgha akkuza u l-addebitu tar-recediva, kif ukoll in kwantu ordnat il-konfiska tad-dghajsa, in kwantu ordnat l-iskwalifika tal-licenzji relattivi, in kwantu ordnat lill-imputat ihallas l-ispejjez tal-esperti mahtura fl-inkjesta, u in kantu ikkundannatu ghal sentejn u nofs prigunerija, u dan billi tilliberah mill-imsemmija akkuzi.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

1. Illi l-ewwel aggravju jirrigwarda s-sejba tal-htija li l-appellant m'obdiex l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija jew ta' awtorita' inkarigata minn servizz pubbliku u fixkilhom fil-qadi ta' dmirijiethom. Biex tali akkuza tirnexxi kien jehtieg li l-Prosekuzzjoni ggib prova tal-actus reus u l-mens rea. Mhux kontestat li s-suldati

in kwistjoni ghajtu kliem fis-sens "Ieqfu inkella nisparaw" u li Publius Zammit u siehbu ma waqfux anzi harbu, u ghalhekk l-actus reus jirrizulta. Pero` l-mens rea ma tirrizultax. Il-Prosekuzzjoni kien jehtigilha prova konvincenti li Publius Zammit u siehbu kellhom ragonevolment jikkonkludu li l-persuni li kienu qed jaghtu dik l-ordni kienu pulizija jew suldati. Dwar dan is-suldati xhedu li huma ghajtu wkoll li huma suldati u li l-hin kollu kellhom il-beacon lights blue mixghulin biex juru li kienu suldati. Publius Zammit u siehbu cahdu li tul l-insegwiment qatt inxteghel id-dawl blue, u cahdu u l-persuni identifikaw ruhom bhala suldati. L-Ewwel Qorti ghazlet li temmen il-verzjoni tas-suldati ghaliex kif inghad dik il-Qorti erronjament tghid li anke z-zghazagh li nzertaw kienu ghal bar-be-cue kkonfermaw li waqt l-isparar is-suldati kellhom l-ispeed-boat taghhom mixghula bil-beacon blue. Bhala fatt it-tliet xhieda in kwistjoni, li huma newtrali u disinteressati fl-ezitu ta' dan il-kaz, qalu bil-kontra (u anke fl-istess sentenza gie riportat dan), u allura bl-istess ragunament huma s-suldati li m'ghandhomx jitwemmnu. Anzi rrizulta li s-suldati sa waslu ghal gurament falz biex jghattu l-izball taghhom, u cioe` li sparaw fuq il-persuni meta l-ligi ma tawtorizzahomx jaghmlu dan. Bhala fatt kien Publius Zammit li baqa' konsistenti fix-xhieda tieghu kemm meta ta stqarrija a tempo vergine bla assistenza ta' avukat (ghax hekk kienet dak iz-zmien) u kemm numru kbir ta' snin wara meta wasallu t-turn tieghu li jixhed fil-Qorti.

2. Illi <u>t-tieni aggravju</u> jirreferi, bla pregudizzju ghall-ewwel aggravju, ghall-istess sejba ta' htija li m'obdiex l-ordnijiet legittimi u li fixkel ufficjal pubbliku fil-qaghdi ta' dmirijietu: din hija wara kollox kontravvenzjoni zghira taht Artikolu 338(ee) tal-Kodici Kriminali. L-esponent qatt ma gie akkuzat b'din il-kontravvenzjoni, u anqas l-Avukat Generali ma indika l-Artikolu 338(ee) fl-Artikoli ccitati minnu, kif l-anqas il-Qorti fid-decizjoni taghha ma tindika l-Artikolu 338(ee) bhala wiehed mill-artikoli tal-ligi li uzat fis-sejba tal-htija. Ghalhekk, anke proceduralment l-esponent ghandu jigi liberat minn din is-sejba ta' htija (mhux akkuza).

3. Illi <u>t-tielet aggravju</u> jirrigwarda s-sejbien ta' htija l-ohra kollha li kollha jirreferu ghal importazzoni irregolari ta' speci hajjin jew mejtin. L-akkuzi relattivi setghu jirnexxu biss kemm-il darba l-Prosekuzzjoni ggib provi sodisfacenti u l-ahjar provi li jorbtu lill-akkuzati mar-reati.

Illi madwar 40 pagna mis-sentenza hawn appellata huma dedikati ghal sommarju tax-xhieda prodotti quddiem il-Magistrat Dr Saviour Demicoli, benche` mhumiex riportati x-xhieda moghtija fl-inkjesta quddiem il-Magistrat Dr Giovanni Grixti. Anke minn dan is-sommarju biss johrog bl-aktar mod car mix-xhieda tal-prosekuzzjoni stess, li l-Forzi Armati ta' Malta kienu ilhom minn jum qabel, u cioe` mit-12 ta' Marzu 2004, jippreparaw ghad-dhul gewwa Ghawdex ta' kuntrabandu permezz ta' dghajsa, tant li l-Kap Kmandant tal-Iskwadra Marittima ordna li

numru ta' patrol boats, dinghi u anke fast speed-boat jiccirkondaw lill-Ghawdex sabiex kwalunkwe dghajsa li tersaq jintercettawha. Hareg bl-aktar mod car ukoll li r-radar li kienu qed juzaw intercetta "contact" ta' dghajsa gejja minn naha tal-punent tal-kosta Ghawdxija meta din kienet ghadha gejja mill-punent u tinstaq fid-direzzjoni tal-irdumijiet ta' Cenc. Hawnhekk il-fast speed-boat tal-Forzi Armati giet ordnata tmur tintercetta lil din id-dghajsa; il-fast speed-boat tal-Forzi Armati kienet f'nofs il-Fliegu ta' bejn Ghawdex u Kemmuna, u cioe` vicin hafna tal-port tal-Imgarr li jinsab propju biswit ix-Xatt l-Ahmar. Dawn marru minnufih[1] fid-direzzjoni tad-dghajsa li kienet gejja, u waslu qrib xulxin quddiem ix-Xatt l-Ahmar, igifieri f'distanza qasira minn fejn telqu is-suldati bl-ispeed-boat taghhom. Is-suldati jallegaw li l-imsemmija dghajsa sabuha wieqfa f'nofs il-bajja thares 'il barra, b'zewg minn nies go fiha, u li meta ordnawlhom jieqfu d-dghajsa harget b'velocita' 'il barra. **Meta wiehed jikkonsidra d-distanza qasira li hemm bejn nofs il-Fliegu Ghawdxi u x-Xatt l-Ahmar, u l-velocita li kapaci tlahhaq il-fast speed-boat tal-Armata Delta 1, logikament wiehed jikkonkludi li huwa fizikament impossibbli li l-akkuzati fl-istess hin qasir lehqu ghaddew minn taht l-irdum Ta' Cenc, waslu fix-Xatt l-Ahmar, dahlu sal-art, rabtu d-dghajsa, nizlu aktar minn 180 cistun mimli ghasafar u fkieren oltre numru kbir iehor ta' kaxxi u gageg, regghu rikbu d-dghajsa, hargu ftit il-barra u regghu waqfu f'nofs ta' bajja bid-dghajsa – bhal ma jallegaw li sabuhom is-suldati. KIF JISTA' JKUN LI BIL-PREPARAMENTI KOLLHA LI GHAMLET L-ARMATA U BIL-FAST SPEED BOAT B'KOLLOX HADD MIS-SULDATI MA RNEXXIELU JARA LIL XI WIEHED MILL-IMPUTATI FUQ L-ART??** Din il-verzjoni mhix kredibli.

4. Illi r-raba' aggravju ukoll jirreferi ghas-sejbien tal-htija fuq il-kapi relatati mal-importazzjoni irregolari ta' tjur u frieken, u dan in kwantu ma ngibitx l-ahjar prova. L-allegat suspett li l-kaxxi misjuba fuq ix-Xatt l-Ahmar mis-suldati stess kienu lehqu tnizzlu l-art mill-imputati f'dak il-hin qasir sa ma l-ispeed boat tal-Armata waslet hdejn ix-Xatt ma jaghmel ebda sens fattwali. Daqskemm ma jaghmel ebda sens li l-Armata ma talbitx lill-pulizija taghmel tiftix fuq ix-Xatt l-Ahmar, u ghamlet it-tfittxija hija stess aktar minn 4 sieghat wara. Il-prova minima li l-Prosekuzzjoni kienet mistennija taghmel kienet tal-kampjuni ta' finger-prints fuq il-kaxxi u c-cistuni. Nafu biss li s-suldati hadu dawn l-oggetti Hal Luqa, u ma jinghad xejn jekk ittehdux finger-prints. B'kull rispett, li jittiehdu l-finger-prints hija dik li l-ligi ssejhilha "l-ahjar prova" biex il-Prosekuzzjoni xxejjen ic-cahda tal-imputati li kellhom konnessjoni ma' dak il-kuntrabandu.

---

[1] Dan jghidu wkoll il-kaptan James Grixti, u tali xhieda anke giet riportata f'pagna 19 tas-sentenza

Di piu`, in kwantu l-prosekuzzjoni li ghamlet searches fil-propjetajiet u fil-karozzi tal-imputati ma rrizultalha ebda prova ohra, tul it-tliet trattazzjonijiet[2] li ghamel l-abbli ufficjal prosekutur dejjem emfasizza li n-ness (*link*) bejn il-kuntrabandu u l-akkuzati kien xi rix li nstab fid-dghajsa tal-imputati li kien "simili" ghal rix li kellhom xi ghasafar li nstabu fix-Xatt l-Ahmar. Jekk il-prosekuzzjoni riedet tibni l-kaz taghha fuq dan ir-rix, l-ahjar prova f'dan ir-rigward kienet tkun prova xjentifika bid-DNA li r-rix kien ta' xi speci milli nstabu fuq ix-xatt, pero` dan ma sarx. U anke kieku sar, b'dawk il-mijjiet ta' ghasafar sfortunatament immaltrattati fuq ix-xatt, facli r-rih jahkem rix li jaqa' jtajru mal-bajja fejn l-imputat kkoncedew li ghaddew bid-dghajsa taghhom. Mhux talli l-ahjar prova ma ngiebitx talli l-kaz kollu inbena fuq 'sembjanza' u fuq l-impressjoni tas-suldati li l-imputati "donnu kienu qed jaghmlu xi haga hazina"!! B'kull rispett dan mhuwiex il-livell tal-prova li tirrikjedi u li tixraq lill-procedura Kriminali.

5. Il-<u>hames aggravju</u> huwa assolutament bla pregudizzju ghall-aggravji precedenti, u qed jitqajjem biss subordinarjament. Fil-waqt li gia gie notat kif l-Ewwel Qorti ddecidiet li ma temminx il-verzjoni ta' Publius Zammit a bazi ta' evalwazzjoni zbaljata tal-fatti provati, l-esponent ihoss li kien hemm pregudizzju kontrih minhabba l-fedina penali passata tieghu. Snin twal ilu l-esponent kellu l-vizzju tad-droga u dan kien iwasslu ghal imgieba xejn korretta, u l-fedina penali passata kienet rizultat ta' dan. Pero` sa minn zmien qabel ma sehh il-kaz odjern, l-esponent kien irnexxielu johrog minn dak il-vizzju, u di fatti ma kkommetta ebda kaz iehor sa minn zmien konsiderevoli QABEL ma nfetah dan il-kaz. Il-fatt li xi kazijiet hadu s-snin u nqatghu wara ma jghodd xejn. L-esponent ragonevolment ihoss pregudizzju meta l-Ewwel Qorti tghid li wara numru ta' kazijiet huwa "ma tghallimx ghaliex illum rega' qieghed il-Qorti iwiegeb ghall-akkuzi odjerni."[3] Donnu dik il-Qorti ma tatx kaz tal-fatt li mhux biss ma fetah ebda kaz f'dawn l-ahhar 10 snin li ilu jkarkar dan il-kaz, talli kien irriforma ruhu minn qabel. Ghalhekk, anke kieku l-esponent kellu jinstab hati ta' dak li nstab, il-hruxija ta' sentejn u nofs habs effettivi instigati mill-konkluzjoni assolutament zbaljata li "illum" l-esponent ghadu ma tghallimx hija verament ingusta. Igifieri anke kieku l-esponent kien hati li dahhal ghasafar irregolarment, huwa ma jixraqlux jispicca l-habs wara li tul dawn l-10 snin huwa wera li rriforma ruhu.

6. Is-<u>sitt aggravju</u> huwa wkoll bla pregudizzju u subordinarju ghall-aggravji precedenti. Dan jirreferi ghad-dispozizzjoni ahharija fis-sentenza hawn appellata li biha l-esponent gie ikkundannat 'ihallas l-ispejjez involuti fil-hatra tal-esperti

---

[2] Saru zewg trattazzjonijiet quddiem il-Magistrat Dr Saviour Demicoli u ohra quddiem il-Magistrat Dr Consuelo Scerri Herrera.

[3] pagna 55 tas-sentenza

> nominati fl-atti tal-inkjesta li saret in konnessjoni mar-reati adebitati fil-konfront tal-imputat li taghhom instab hati.' Kif gia inghad l-inkjesta msemmija ma kinitx dwar ir-reati li l-esponent instab hati taghhom mill-Ewwel Qorti imma kienet dwar il-feriment tal-koakkuzat fil-bajja tal-Gnejna. Dment li ma ttehditx xi decizjoni li dawk il-membri tal-Armata mhux ser jibqghu taht investigazzjoni, dik l-inkjesta ghandha terga' tinfetah u tkompli fejn halliet. L-esponent ihoss li dik l-investigazzjoni gia giet ostakolata biz-zejjed b'dan il-kaz, u certament ma kien xejn opportun u gust li l-pistoli u l-armi li uzaw is-suldati in kwistjoni fil-Gnejna (l-armi kienu gew esebiti l-Qorti f'dik l-inkjesta) gew rilaxxati mill-Qorti f'idejn il-Forzi Armati fl-2001, bhal li kieku kien hemm xi decizjoni finali li dawk is-suldati m'ghamlu xejn hazin. L-inqas li jista' jsir f'dan l-istadju hu li ma jizdiedx melh fuq il-ferita, u l-ispejjez ta' dik l-inkjesta ma jhallashomx Publius Zammit.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat is-sentenza moghtija minn din il-Qorti tal-20 ta' Marzu 2019 fejn ghar-ragunijiet hemmhekk moghtija is-sentenza ta'l-Ewwel Qorti giet iddikarat nulla u giet ordnata t-trattazzjoni mill-gdid tal-kaz.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi annullata s-sentenza appellata din il-Qorti ghalhekk ser tezamina l-atti mill-gdid u tqies l-aggravji imqanqla mill-appellant bhala sottomissjonijiet in difeza. L-appellant fil-fatt fil-lanjanzi tieghu jishaq illi kellu jinghata affidament lill-verzjoni tal-fatti moghtija minnu u mhux mill-membri tal-Forzi Armati li kienu spiccaw huma ukoll taht investigazzjoni meta fethu in-nar fuqhom matul l-insegwiment li sehh fuq il-bahar.

Illi minn ezami tal-atti processwali johrog in succint illi fit-12 ta' Marzu 2004 il-Forzi Armati kienu ircevew informazzjoni li kien ser isir xi kuntrabandu ta' merkanzija

permezz tad-dgħajsa Little China, liema dgħajsa kienet ser tkun marbuta mal-moll tal-Imġarr Għawdex, u li kienet ta' kulur blu u abjad, armata b'*outboards* Johnsons. Mill-osservazzjonijiet li kienu qedgħin jagħmlu s-suldati fuqha, rriżulta illi din id-dgħajsa ħarġet mill-port tal-Imġarr bejn is-siegħa u l-ħamsa ta' wara nofsinhar dakinhar tat-12 ta' Marzu 2004. Is-suldati kienu ipposizjonaw rwieħhom madwar Għawdex sabiex din id-dgħajsa tiġi nterċettata u dan għamluħ bejn it-12 ta' Marzu 2004 u l-għada s-Sibt 13 ta' Marzu 2004. Sussegwentement dahhlet informazzjoni li għal xis-siegħa ta' wara nofsinhar tas-Sibt, id-dgħajsa in kwistjoni kellha tidħol lura Malta mit-Tuneżija u konsegwentement il-Maġġur Martin Cauchi Inglott li kien responsabbli għall-operazzjoni kollha ta struzzjoni lis-suldati li kienu fuq *speed boat* fuq il-baħar sabiex imorru jinterċettaw id-dgħajsa li kienet qed tidher qrib ta' Ċenċ fejn ix-Xatt l-Aħmar li jiġi taħt il-Fort Chambray, Għawdex. Id-dgħajsa tal-Armata li kienet tal-għamla Phantom RDL1 kienet qed tinstaq mill Lance Bombardier Christopher Brimmer u miegħu kien hemm ukoll Leiutenant James Grixti u Gunner Morgan Chetcuti li filfatt interċettaw id-dgħajsa fil-post indikat lilhom mis-superjur tagħhom u nnutaw li din id-dgħajsa kienet wieqfa iżda bil-magna mixgħula u kien hemm żewġ persuni ta' sess maskili fuqha jħarsu lejn l-art, filwaqt li d-dgħajsa kienet wiċċha 'l barra mill-art. Kif ġew wiċċ m'wiċċ magħha, s-suldati xelgħu id-dawl, u infurma lis-suspettati li kienu membri tal-Forzi Armati u ordnawlhom jieqfu, fejn hemmhekk id-dgħajsa suspettuza dahret għal fuqhom u ħarbet minn fuq il-post b'veloċita' qawwija.

Inbeda l-insegwiment ta' din id-dgħajsa bis-suldati l-hin kollu jagħjtulhom minn fuq l-*inhailer* sabiex jieqfu u li fin-nuqqas kienu ser jisparaw filwaqt li baqghu jidentifikaw rwiehom bhala membri tal-Forzi Armati. F'mument minnhom id-dgħajsa tal-Armata tilfet mill-vizwali taghha lil din id-dgħajsa u meta ntalbet l-assistenza tal-*mothership* li kienet qed issegwi kollox minn fuq ir-*radar* ġew mgħarrfa li din dehret dieħla fil-bajja tal-Ġnejna u fil-fatt ingħataw struzzjonijiet sabiex imorru hemmhekk u jarrestaw lill-individwi li kienu abbord din id-dgħajsa. B'hekk s-suldati ipproċedew f'din id-direzzjoni fejn innotaw id-dgħajsa tintrabat bil-ħeffa fil-bajja u l-persuni fuqha telgħin fuq l-art bl-

għaġla. Skond il-provi prodotti mill-prosekuzzjoni, s-suldati xegħlulhom id-dwal mill-ġdid u reġgħu identifikaw rwiehhom u avżaw lis-suspettati biex jieqfu u li fin-nuqqas kienu ser jisparaw.

Din l-ordni izda giet injorata u l-persuni suspettati ħarbu għall-fuq l-art fejn Gunner Chetcuti u Lance Bombardier Brimmer niżlu mid-dgħajsa u telqu jiġru għal warajhom filwaqt li kienu qedgħin jisparaw diversi *warning shots.* Matul dan l-iskontru wieħed mill-persuni suspettati u cioe' Jesmond Vella, li kien ko-akkużat mal-appellant, baqa jaħrab u eventwalment waqaf meta ntlaqat b'żewġ tiri sparati mis-suldati, waħda fi spalltu u l-oħra f'siequ filwaqt li l-persuna l-oħra, li rriżulta li kien l-appellant f'dawn il-proċeduri, waqfet kif s-suldati bdew jisparaw fil-qrib.

Wara li z-zewg suspettati gew arrestati, saret tfittxija fix-Xatt l-Aħmar fejn hemm instabu diversi kaxxex kontenenti eluf ta' għasafar ta' speċi differenti u fkieren li kienu lkoll speċi protetti fejn kien hemm minnhom ħajjin u oħrajn mejtin. Irriżulta wkoll minn tfittxija fuq id-dgħajsa suspettuza, li sussegwentement minn stħarriġ ulterjuri irrizulta li kienet tappartjeni lill-appellant, li kien hemm ħafna skalora u rix mifrux magħha kollha. Minn analizi li sar hareg illi l-iskalora li instabet fid-dghajsa kienet l-istess bhla dik li kien hemm fil-kaxxi tal-għasafar kif ukoll r-rix misjub kien jikkombacja ma' dawk tat-tajr issekwestrat.

In oltre meta l-għada saret tfittxija fil-baħar qrib fejn id-dgħajsa tal-appellant kienet trakkat fil-Ġnejna, instab *satellite phone* kif ukoll xi effetti oħra li setgħu kienu relevanti ai fini ta' din l-investigazzjoni. *Di piu* minn tfittxija li saret fil-garaxx tal-appellant fl-indirizz bla numru ġewwa Wied ir-Rgħajjes, Għajnsielem, Għawdex, instab u ġie elevat *charger* tal-marka Rico, *battery* sewda tal-marka Alinco kif ukoll kaxxa tal-kartun li kienet tidher ta' GPS b'riċevuta ġo fiha li kellha d-data tal-jum preċedenti filwaqt li fil-vettura tal-għamla Suzuki Jeep bin-numru ta' reġistrazzjoni HAD203 instabu żewġ balaklavi kif ukoll żewġ biljetti tal-Gozo Channel datati l-10 ta' Marzu 2004.

Meta l-appellant ġie mitkellem mill-pulizija hu ċaħad kategorikament li kien involut fil-kuntrabandu tal-ispeċi protetti li kienu nstabu u stqarr ukoll illi l-iskalora li kien hemm fuq id-dagħjsa tiegħu kienet ġejja minn xkora li hu kien ġabar bl-iskalora u bir-rix u li kien sab ħdejn barmil taz-zibel fix-Xatt l-Aħmar u li kien iddeċieda li jieħu peress li dilettant tal-għasafar. Allegatament skond l-appellant meta beda l-insegwiment mill-Armata hu kien qed isuq b'veloċita qawwija ħafna u konsegwentment din l-ixkora kienet taret minn ħdejħ u kienet firxet l-iskalora u r-rix li kien hemm ġo fiha fid-dagħjsa tiegħu. L-appellant mistoqsi dwar jekk qatt kellux GPS stqarr illi kellu wieħed li kien xtara żmien qabel u li kien insteraqlu. Sussegwentement meta xehed quddiem il-Qorti ġġustifika s-sejba tal-kaxxa u tar-riċevuta tal-GPS billi stqarr illi dik kienet kaxxa ta' GPS li hu kien xtara għal ħabib tiegħu li jismu John u li kien ħallilu l-kaxxa u r-riċevuta fil-garaxx meta mar biex jiġborha. Skond l-appellant ukoll mhux minnu li s-suldati identifikaw lilhom infushom miegħu u ghalhekk ħarab għax beża li setgħet kienet persuna li hu identifika bħala Charles Butler, li kellu xi inkwiet miegħu u li kellu dgħajsa tal-għamla Phantom, simili ghal dik li kienu fuqha s-suldati. Jgħid ukoll li mhux minnu li s-suldati xegħlu d-dwal għal fuqhom u avżawhom bil-preżenza tagħhom qabel sparawlhom meta daħħlu l-Ġnejna, apparti li hu jinsisti li l-isparaturi kienu mmirati lejhom u mhux fl-arja kif mistqarr mis-suldati, tant illi sieħbu Jesmond Vella kien filfatt intlaqat u kellu jittieħed l-isptar għal aktar kura. Konsegwentement kienu nħarġu l-akkużi kontra z-zewg persuni involuti f'dan l-event kriminuz, izda billi Jesmond Vella ma setax jinstab, tkomplew il-proceduri biss fil-konfornt tal-appellant.

Ikkunsidrat:

Illi wara li din il-Qorti apprezzat bir-reqqa l-proċess kollu mill-bidu sal-aħħar u wara li qrat il-provi kollha, kemm dawk matul l-inkjesta maġisterjali kif ukoll dawk matul il-

kumpilazzjoni, giet rinfaċċjata b'żewġ verżjonijiet estremament kontrastanti għal xulxin tant illi kellha tanalizza x-xhieda fid-dettall sabiex tiddetermina liema verzjoni kienet l-aktar kredibbli. Dan għamlitu billi kkunsidrat il-verżjoni tax-xhieda kollha, inkluż dik ta'l-appellant u tax-xhieda in difeża u wiżnet dawn il-verżjonijiet anki fid-dawl tal-provi ċirkostanzjali li kien hemm, fosthom is-sejba tal-oġġetti fil-baħar qrib id-dgħajsa tal-appellant kif ukoll is-sejba tal-iskalora u tar-rix li kien hemm fl-istess dgħajsa u l-ispjegazzjoni li l-appellant jaghti sabiex jiġġustifika din is-sejba.

Issa ghalkemm x-xhieda in difeża jikkoroboraw lill-appellant għal dak li jirrigwarda n-nuqqas ta' senjalazzjoni moghtija mis-suldati dwar il-presenza taghhom fil-Ġnejna qabel bdew jisparaw għal fuqhom, dawn ix-xhieda madanakollu ma jitfgħu assolutament l-ebda dawl dwar l-involviment o meno tal-appellant fl-allegat kuntrabandu. Mhux biss izda s-sejba tal-iskalora u tar-rix fuq id-dagħjsa tal-appellant, li ġie analizzat mill-espert maħtur fl-inkjesta Stanley Gatt hija prova cirkostanzjali li tipponta lejn ir-reita' billi dawn l-indizji elevati konsistenti f'dan ir-rix u skalora kienu jaqblu ma l-iskalora u r-rix li nstabu fix-Xatt l-Aħmar hdejn l-ispeċi protetti.[4] In oltre minn apprezzament li din il-Qorti għamlet tax-xiehda ta' Marlon Caruana, William Spiteri u George Azzopardi[5], jidher li kif dawn it-tlieta minn nies semgħu l-isparaturi huma daħħlu jiġru ġewwa garaxx u kien biss madwar għaxar minuti wara li ħarġu minn fejn kienu mistoħbija u nnutaw li kien hemm id-dagħjsa tas-suldati bid-dwal blu mixgħul u bil-*helicopter* fuqhom, liema dgħajsa huma filfatt ħasbu li kienet dgħajsa tal-pulizija. *Di piu* rriżulta in kontro-eżami li dawn ix-xhieda kienu jafu lil appellant Zammit u kien anki sar xi diskors miegħu kif ukoll fil-preżenza tal-avukat tieghu dwar il-każ qabel telgħu jixdu l-Qorti.

Din il-Qorti tistqarr li ssibha kemmxejn diffiċli temmen li s-suldati ma taw l-ebda senjalazzjoni jew ma ndikawx li huma membri tal-Forzi Armati fil-kors ta' din l-

---

[4] Ara xhieda datata 21.1.05 a folio 47 mill-inkjesta maġisterjali formanti parti mill-atti kumpilatorji, kif ukoll ir-rapport tiegħu immarkat bħala Dok SGA1.

[5] Folio 231, 243 u 247 rispettivament fl-atti proċesswali.

operazzjoni kollha inkluż l-insegwiment, u dan meta d-dgħajsa misjuqa mill-appellant kienet qed tipprova tahrab mill-vizwali tal-istess suldati. Huwa ċar ukoll mill-*plotting* tad-dgħajsa in kwistjoni u tal-informazzjoni li kellhom s-suldati dwar din l-istess dgħajsa qabel ma ġiet interċettata li l-movimenti tagħha ma jaqblux lanqas mal-verżjoni tal-movimenti kif deskritti mill-appellant. Illi imbaghad dwar l-fdalijiet tal-GPS misjub fil-garaxx tiegħu, l-appellant jonqos milli iressaq bhala xhud lil persuna li jirreferi għaliħ bħala John fix-xiehda tieghu u li lilu kien jappartjeni dan l-apparat u dan meta ighid konvenjentement illi tilef il-kuntatt mieghu meta mistoqsi in kontroeżami. In oltre għalkemm l-appellant jallega illi huwa spicca vittma tal-agir kriminali tas-suldati li sparaw fuqu u fuq siehbu intortament dan ma jnaqqasx xejn mill-provi li hemm fl-atti li jorbtuh mal-kuntrabandu tal-għasafar u fkieren, liema provi jippuntaw lejn ir-reita'.

Dan maghdud ghandu jizdied illi mir-rapport tal-esperti tal-ballistika jirrizulta illi l-biċċa l-kbira tal-isparaturi kienu filfatt *warning shots* għaliex il-munizzjoni ma nstab imkien u liema konklużjoni allura tikkorobora il-verżjoni tal-membri tal-armata. Mhux biss, izda l-istess esperti ma jeskludux lanqas li seta' kien hemm *richochet* tal-munizzjon sparat lejn l-art.[6] Apparti minn hekk mix-xiehda tal-membri tal-armata li sparaw dawn it-tiri, huwa ikkonfermat illi t-tiri li gew sparati kienu intizi bhala *warning shots*, inkluż allura dawk li gew sparati lejn l-art fil-prossimita' tal-appellant u ta' Vella li kien miegħu, bl-intenzjoni taghhom li ibezzghu lis-suspettati u izommuhom milli jaharbu minn fuq il-post u mhux biex jaghmlulhom hsara.

Kwindi l-appellant xorta waħda jrid iwieġeb għall-akkużi miġjuba kontra tiegħu anki jekk, għas-saħħa tal-argument, seta' kien hemm xi nuqqasijiet da parti tas-suldati. Mhux biss izda ghalkemm l-*proces verbal* jindika fl-intestatura tieghu li kienet qed issir investigazzjoni dwar l-isparatura li sehhet mill-membri tal-Forzi Armati ghal fuq il-persuni tas-suspettati, madanakollu din l-inkjesta dwar l-*in genere* kienet tinkorpora fiha

---

[6] Ara r-rapport a folio 100 tal-Proces Verbal formanti parti mill-atti kumpilatorji.

ukoll il-provi marbuta mal-akkuzi addebitati lill-appellant, tant ghalhekk illi l-provi hemmhekk migbura u ippreservati setghu jintuzaw bhala provi f'din il-kawza u dan minghajr pregudizzju ghall-investigazzjoni li kienet miexja kontemporanjament dwar l-ispartaturi li sehhew. Dan mingħajr preġudizzju ghal passi ulterjuri li jistghu jew setghu jittiehdu kontra s-suldati involuti fl-insegwiment tal-appellant u ta' Vella.

Ikkunsidrat:

Illi madanakollu dan maghdud huwa indubitat illi l-akkuzi marbuta mar-reat mahsub fl-artikolu 96 tal-Kodici Kriminali kif ukoll dak tal-offiza tal-feriti gravi jew attent ta'l-istess fuq il-membri tal-Forzi Armati qatt ma jistghu jissussitu billi kemm l-appellant kif ukoll siehbu lanqas biss ressqu lejn is-suldati, izda ghal kuntraju ippruvaw jaharbu minnhom.

Dan ghaliex skond l-insenjament tramandat bil-ġurisprudenza:

> **"Biex jissussisti r-reat ikkontemplat fl-artikolu 96 tal-Kodici Kriminali (re:attakk jew rezistenza kontra ufficjal pubbliku) irid ikun hemm mhux biss attakk jew opposizzjoni ossia rezistenza kontra persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, izda ukoll li dana l-attakk jew rezistenza isir bi vjolenza jew b'hebb u jsir waqt li dik il-persuna tkun tagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita' kompeteni. Meta ufficjal tal-pulizija jintima li jkun ser jarresta lil xi hadd, jew ikun effettivament qed jipprocedi biex jarresta lil xi hadd, jew ikun ga' arresta u qed izomm lil xi hadd arrestat, huwa jkun certament qieghed jesegwixxi l-ligi".[7]**

Issa kif ġie diġa kkunsidrat minn din il-Qorti, jidher ċar illi meta l-appellant irealizza li kien qed jigi insegwiet, huwa ħarab minn fuq il-post b'ħeffa kbira u baqa' qatt ma waqaf matul l-insegwiment mill-membri tal-Armata, allavolja avżat li jekk ma jikkoperax

---

[7] Il-Pulizija vs Lawrence Attard deċiża mill-Qorti tal-Appell Inferjuri nhar it-12 ta' Settembru 1996.

magħhom huma kienu ser jisparaw fid-direzzjoni tieghu. Is-semplici disubbidjenza ta' ordni certament ma tippostulax l-elementi li isawwru dan ir-reat billi ma kenux jezistu l-estremi mahsuba fir-reat tal-attakk u/jew resistenza bi vjolenza fuq ufficjal pubbliku kif mahsub fl-artikolu 96 tal-Kodici Kriminali.

Ikkunsidrat:

Illi maghdud dan mill-atti probatorji gie stabbilit u dan lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni illi kienet saret interċetazzjonijiet tad-dghajsa misjuqa mill-appellant qrib ix-Xatt l-Aħmar. Tant hu hekk li meta intlemhet mis-suldati id-dghajsa tal-appellant kienet lesta biex tohorg mill-bajja billi kienet wiccha 'il barra mix-xatt. Meta saret tfittxija fuq l-art instabu l-ghasafar u il-fkieren li allura din il-Qorti tista' tasal biex tikkonkludi li gew depozitati l-art mill-appellant u minn siehbu, tant hu hekk illi ir-rix u skalora li instabu fid-dghajsa kienu jikkombacjaw ma' dawk li kien hemm fil-merkanzija li instabet fuq l-art. Il-Qorti tqies illi din il-prova cirkostanzjali temergi bl-iktar mod car mir-rapport dettaljat li għamel l-espert maħtur tal-Qorti Stanley Gatt fejn filfatt ikkonferma li l-ispeċi misjuba kienu speċi protetti u li l-iskalora u r-rix li nstab fuq id-dgħajsa tal-appellant f'ammonti kbar kienet tixbah l-iskalora fil-kaxxi fejn kien hemm l-għasafar u r-rix kien ukoll simili għall-ispeċi misjuba. Din il-Qorti ma tarax għalfejn m'għandiex toqgħod fuq dan ir-rapport u l-konklużjonijiet milħuqa mill-espert li jkomplu jindikaw l-involviment tal-appellant f'dawn ir-reati.

Mhux biss izda l-oġġetti l-oħra kollha li nstabu kemm fil-baħar kif ukoll fil-garaxx tal-appellant ikomplu jaghqdu l-katina tal-provi ċirkostanzjali kontra l-appellant u dan b'mod univoku skond il-liġi.

> **"L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda. Ovvjament jekk fatt jew cirkostanzi jistghu ragjonevolment jinghataw aktar minn tifsira jew interpretazzjoni wahda, tkun li tkun, allura dik ma tkunx prova ndizzjarja**

**tajba, skond il-ligi, sabiex in bazi taghha tista' tinstab htija. Kif tghid u titlob il-ligi, biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi.**

**Wiehed ghandu jkun ferm attent fl-apprezzament u nterpretazzjoni tal-prova ndizzjarja ghaliex ghalkemm din hi prova ferm importanti, u kultant anke aktar mill-prova diretta, pero', din hi prova li facilment tista' tqarraq lil dak li jkun qed jghamel l-interpretazzjoni w apprezzament taghha[8].**

Konsegwentement l-akkuzi bin-numri erbgha, hamsa, sebgha, tmienja u disgha huma ippruvati..

Ikkunsidrat:

Illi rigward il-quantum tal-piena, ghandu jinghad li dan il-kaz jirrisali ghas-sena 2004. Illi ghalkemm il-fedina penali tal-appellant hija wahda refrattarja, madanakollu l-ahhar vjolazzjoni tal-ligi tirrisali ghas-sena 2005. Kwindi il-Qorti hija tal-fehma illi piena karcerarja effettiva f'dan il-kaz ma hijiex idonja. Ghalkemm l-appellant huwa recidiv, madanakollu l-Qorti mhijiex ser tapplika l-provvediment tal-artikolu 50 tal-Kodici Kriminali u dan in vista tat-trapass twil taz-zmien minn meta sehh il-kaz, liema dewmien ma kienx imputabbli lill-appellant. Mhux biss izda ghalkemm illum il-proviso (c) ghall-artikolu 62 tal-Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta' Malta gie abrogat sabiex b'hekk allura il-piena tal-multa skont din il-ligi hija applikabbli fi kwalunkwe kaz, madankollu l-Qorti trid tapplika il-piena ezistenti fiz-zmien tal-kummissjoni tar-reat u dik l-iktar favorevoli ghal persuna akkuzata fejn allura skont l-istess proviso ghandha tapplika il-piena skont ir-

---

[8] Repubblika ta' Malta vs George Spiteri[8] mogħtija mill-Qorti tal-Appell Superjuri nhar il-5 ta' Lulju 2002

regolament 25 tal-Avviz legali 149 tal-1993 u ir-regolament 9(2) tal-Avviz Legali 19 tal-1992, kif tajjeb stqarret l-Ewwel Qorti fid-decizjoni appellata.

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17 u 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 60(a)(b)(c)(k), 62(a)(b)(c)(f)(g)(h)(i)(k), 68(1), 69(1)(2) tal-Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 80 tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolamenti 12(3) u 25 tal-Avviz Legali 146/1993, ir-Regolamenti 6(1)(2), 8, 9(5)(6) tal-Avviz Legali 19 tal-1992, issib lill-appellant hati tar-raba', hames, sebgha, tmien u disgha akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, tikkundannah multa ta' hamest elef ewro (€5000) u tilliberah mill-kumplament ta'l-akkuzi l-ohra.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lill-appellant ihallas sehmu (nofs) mill-ispejjez inkorsi sabiex isiru ir-rapporti tal-ufficjali tax-xena tar-reat, tal-espert Stanley Gatt u tal-perit Richard Aquilina biss, fis-somma ta' €966 u dan lir-Registratur tal-Qorti.

Tordna il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tad-dghajsa Little China- Valletta.

Tordna l-iskwalifiki tal-licenzji kollha f'isem l-appellant taht l-Avviz Legali 19 tal-1992 u dan ghal hames snin mil-lum.
(ft) Imhallef
Vera Kopja

Joyce Agius
Deputat Registratur